**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2668**

**Kaz Numru: 3610/MF**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn:**

**Lorenza sive Lora Cascun**
**(ID 476152M)**

**u**

**Ministru tas-Sahha u**
**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Sahha**

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta parzjalment minhabba mizura diskriminatorja*

**Illum it-Tnejn 27 ta' Lulju, 2020**

**Chairman: Avv. Martin Fenech LL.D.,Dip.Adv.,Eur.Stud.(Bruges).**

Dan il-kaz beda wara dikjarazzjoni sottomessa mir-rikorrenti fit-23 ta' Jannar 2018 fejn ir-rikorrenti allegat li giet diskriminata minhabba l-fatt li ntalbet li tissuggetta ruhha ghal testijiet medici minhabba l-eta' taghha minghajr bazi ta' htiega u issa li l-kuntratt definit gie terminat issa dahlet f'kuntratt bla terminu.

Illi l-intimat issottometta illi kull persuna li taghlaq il-hamsa u sittin sena hemm policy li tkun soggetta ghat-test mediku u ghalhekk bhal kulhadd ir-rikorrenti kellha bzonn tissottometti ghat-test mediku biex tigi mpjegata u r-rikorrenti rrifjutat li taghmel dan it-test.

**PROVI**

Xehdet ir-rikorrenti Lorenza sive Lora Cascun fejn bil-gurament taghha qalet li kienet tahdem fil-Health Care Standards Directorate. Kienet impjegata mis-sena 2014 u meta ghalqet il-65 sena rieduha taghmel test mediku. Bhala fatt ir-rikorrenti spiccat mix-xoghol fis-27 ta' Settembru 2017 meta l-kuntratt tax-xoghol definit kien skada ftit qabel. Qalet li l-medical test kien jaghmlu kulhadd. Ir-rikorrenti rrifjutat li taghmel il-medical test ghax anzjana. Ammettiet li kulhadd min hu anzjan u mpjegat gdid jaghmel dan it-test. U dan it-test kien jaghmluh in-nurses biss.

Iddikjarat li r-rikorrenti nghatat l-opportunita' sabiex taghmel il-medical test u hi rrifjutat.

Xehed Andrew Xuereb, Chief Nursing Manager, fejn qal li persuna tapplika sabiex tigi kkunsidrata sabiex iggedded minn sena ghall-ohra.

Xehdet Ms Maureen Mahoney li hija d-Direttur Resourcing and Employee Relations fejn qalet illi l-medical test johrog mill-Public Service Management Code. Bhala fatt meta jiskadi kuntratt ta' xoghol jinhareg kuntratt gdid iehor.

Xehdet ghal darb'ohra Ms Maureen Mahoney bhala xhud tal-intimat fejn qalet li l-*call* tar-rikorrenti tigi stmata bhala *call* minn barra jigifieri wahda esterna.

Ix-xhieda spiccat hemm.

Il-partijiet trattaw il-kaz.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal jinnota illi l-medical test hija xi haga mposta fil-policy tal-Gvern, PSMC klawsola 2.71, u r-rikorrenti ma attakkatx din il-klawsola imma l-attitudni li uzaw kontra taghha. Li gara huwa li r-rikorrenti kienet impjegata sena wara sena b'kuntratt definit gdid u mhux imgedded u gara li wara li spicca l-kuntratt definit ir-rikorrenti baqghet impjegata u ghalhekk ix-xoghol taghha gie ndefinit.

Gara li l-principal impona l-obbligu tal-medical test u r-rikorrenti irrifjutat ghax qalet li kien hemm diskriminazzjoni.

It-Tribunal jikkonkludi li ma kienx hemm ebda diskriminazzjoni. Kien hemm policy mal-principal li ma gietx attakkata u ghadha hemm sal-lum u jidher li

qieghda tigi mposta fuq min jibqa jahdem 'il fuq minn 65 sena u huwa nurse. Huwa rrilevanti jekk ir-rikorrenti ma kellha ebda problema ta' sahha jew rigward is-sick leave record taghha. L-ezami li ghandu jsir huwa li jsir test mediku u mhux jekk hija tajba ghax-xoghol jew le. F'dan il-kaz it-Tribunal jikkonkludi li ma kienx hemm ebda diskriminazzjoni anzi l-principal mexa skont ir-regoli tieghu. Huwa l-principal li jiddeciedi x'inhuma r-regoli dejjem jekk inhuma skont il-Ligi u f'dan il-kaz ir-regoli jew policy ma gewx kontradetti.

**DECIZJONI**

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti, u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi billi r-rikorrenti ma ppruvatx l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u b'hekk tintemm il-kawza, bl-ispejjez jigu sopportati mir-rikorrenti.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

Avv. Martin Fenech
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju